MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 263/2011

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Lawrence Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gżejjer bejn is-16 ta' Gunju 2007 u il-15 ta' Dicembru 2007 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda b'mezzi kontra il-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel

titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ li jeċċedi l-mitt lira maltin (Lm100) iżda inqas minn elf lira maltin (Lm1000) għad-dannu ta' diversi persuni.

Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok, u ċirkostanzi approprja ruħu billi dawru bi profitt għalih jew għal persuna oħra minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe' ħa u żamm għandu ammont ta' flus li jeċċedi il-mitt lira maltin (Lm100) iżda inqas minn elf lira maltin (Lm1000) għad-dannu ta' diversi persuni, liema flus gew fdati jew ikkunsinjati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju.

U aktar talli b'hekk sar reċidiv ai termini tal-artikolu 49 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata 30 ta' Ottubru 2003.

Kif ukoll talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati b'sentenza tagħha ta' nhar il-15 ta' Diċembru 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Gunju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 49, 308, 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża peress illi dina hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, sabitu ħati tal-kumplament ta' l-akkużi migjuba fil-konfront tiegħu u ikkundannatu għal perijodu ta' sena priġunerija. Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 ordnat illi s-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza moghtija fil-15 ta' Dicembru 2004 għandha tiġi fis-seħħ sabiex b'hekk b'kollox l-imputat jiskonta il-perjodu ta' tliet snin priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fit-13 ta’Gunju, 2011 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza fuq indikata ta’ l-1 ta’ Gunju, 2011 mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali billi tikkonferma l-ħtija ta’ l-akkużi kollha ħlief għat-tieni akkuża, iżda tagħti piena aktar ekwa u ġusta.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-piena imposta ta’ priġunerija. L-ewwel ħaġa is-sentenza tal-15 ta’ Dicembru, 2004 kellu perjodu għal sentejn u b’hekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tapplika s-sentenza sospiża stante li l-perjodu esekuttiv skada.

Illi għar-rigward tas-sentenza ta’ priġunerija, il-Qorti hija libera li tagħti sentenza alternattiva u dan il-kaz jistħoqq sentenza alternattiva.

Ikkunsidrat,

Skont l-appellant, is-sentenza tal-15 ta’ Diċembru 2004 kienet għal perjodu ta’ sentejn u b’hekk il-Qorti ma kellhiex tapplika s-sentenza sospiża stante li l-perjodu esekuttiv skada.

Il-Qorti eżaminat is-sentenza tal-15 ta’ Diċembru, 2004 a fol 45 et seq. Din is-sentenza kellha imputazzjonijiet identiċi bħalma jidhru f’dan il-proċess u, minħabba li saret ammissjoni, il-Qorti kienet imponiet piena karċerarja ta’ sentejn sospiżi għal erba’ snin. Għalhekk meta seħħew ir-reati, jiġifieri bejn is-16 ta’ Ġunju 2007 u l-15 ta’ Diċembru 2007, il-perjodu ta’ erba’ snin kienu għadhom ma għaddewx għaliex dawn kienu jgħaddu fis-16 ta’ Diċembru 2008.

Għalhekk din il-parti tal-aggravju mhix sorretta mill-provi prodotti fil-proċess u l-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.

It-tieni parti tal-aggravju huwa dwar il-piena ta’ priġunerija.

Il-Qorti eżaminat kemm is-sentenza mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 kif ukoll ix-xhieda **kollha** fil-proċess flimkien mal-fedina penali tal-appellant. Jirriżulta minn eżami akkurat tal-provi li l-appellant kien daħħal flus minn diversi kummerċjanti billi qalilhom li kien qed jiġbor xi flus għad-Dar Cilia jew, għalkemm huwa nnega, għal Puttinu Cares u għal xi magazine li r-rikavat minnu kellu jmur għall-karita'. Minn dan kollu ma sar xejn.

Iżda l-aktar li laqat lill-Qorti kien li l-appellant baqa' jiġbor il-flus **wara** li l-Pulizija kienet diġa' interrogatu dwar każ ieħor. Dan joħroġ ċar mid-dati indikati fiċ-ċitazzjoni (bejn is-16 ta' Ġunju, 2007 u l-15 ta' Diċembru 2007) meta **reġa'** ġie interrogat fuq atti ġodda tal-appellant. Bħalma qalet tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-istqarrija tiegħu huwa kien qal li uża l-flus biex iħallas xi djun. Din l-istqarrija l-appellant ikkonfermha bil-ġurament. Għalhekk il-Qorti spiċċat b'żewġ verżjonijiet ta' kif saħħew l-affarijiet – dik tal-istqarrija u dik li ta l-appellant fuq il-pedana tax-xhieda. Din il-Qorti rat ukoll l-evidenza mogħtija minn persuna li tella' l-appellant apposta biex jipprova li hu (l-appellant) għamel xi karita'. Iżda din il-persuna bdiet tirreferi għal perjodu ta' tlettax-il sena qabel ma ddeponiet din il-persuna u għalhekk dan il-perjodu jmur lura għas-sena 1998 u mhux għall-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni.

Mill-fedina penali jirriżulta wkoll li fis-17 t'Ottubru, 1995 kien instab ħati ta' reat simili fl-1994 għal dak li deher fiċ-ċitazzjoni ta' llum. L-istess ġara b'sentenza oħra mogħtija fl-10 t'Ottubru 2002.

Is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija motivata tajjeb kemm f'dak li hu raġunament legali, kemm fl-apprezzament tal-fatti, kif ukoll fir-raġunijiet għala tat il-kundanna ta' priġunerija.

Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, u wara li qieset is-sottomissjonijiet magħmula, ma jidhrilhiex li hemm xi raġuni għala għandha tilqa' l-aggravju tal-appellant.

**Konklużjoni**

**Isegwi li l-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-1 ta' Ġunju, 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Lawrence Cilia' fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------